MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-11 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 500/1998/1

**Avviz numru 500/98DM**

**Sana Tech Ltd**

**vs**

**Marks Holdings Limited u b'digriet tal-25 ta' Marzu 1999 gie kjamat fil-kawza Mark Calleja**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u dsatax il-lira Maltin u tlieta u sebghin centezmi (Lm919.73) flus imhallsa mis-socjeta attrici sabiex giet impurtata merkanzija ghas-socjeta konvenuta li kienet ghadha

mhiex registrata ai finijiet ta' taxxi minhabba li kienet qed tigi kkreata.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali komprizi dawk ta' ittra ufficjali datata 14 ta' Novembru 1997, u ittra interpellatorja datata 30 ta' Ottubru 1997, u l-mandati ta' Qbid u Sekwestru ippresentati kontestwalment ma l-Avviz kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Marks Holdings Limited fejn eccipew illi:-

1 It-talbiet tas-socjeta attrici ghandhom jigu michuda stante illi bejn is-socjeta attrici u s-socjeta konvenuta ma kien hemm ebda relazzjoni giuridika;
2 Minghajr pregudizzju ghal eccezzjoni precedenti t-talbiet tas-socjeta attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;
3 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzzjonijiet tal-kjamat in kawza, Mark Calleja, fejn eccepixxa illi:

1 Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-segwenti, t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2149 (d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2 Sekondarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghas-segwenti l-kjamat in kawza Mark Calleja ma jista' qatt jigi kkundannat ghal hlas ai termini tat-talba kif redatta fl-avviz odjern;
3 Minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tas-socjeta attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;
4 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Bl-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta giet sollevata l-karenza ta’ relazzjoni guridika bejn il-kontendenti fis-sens illi l-kumpanija attrici qatt ma kienet ghamlet xi negozju jew kellha xi relazzjonijiet kummercjali mall-kumpanija konvenuta Marks Holdings Limited.

In sostenn ta’ din l-allegazzjoni l-konvenut ipprezentaw certifikat dwar ir-registrazzjoni tas-socjeta konvenuta, (Dokument A a fol 83 tal-process) minn fejn jirrizulta definitivament, u dan ma giex ikkontestat, illi din il-kumpanija kienet giet irregistrata u ghalhekk saret persuna guridika distinta mill-azzjonisti taghha, fis-26 t’April tal-1996.

Billi n-negozju, a bazi ta’ liema qamet din il-kwistjoni, sar f’Jannar tal-1996, kif indikat mill-invoice relattiv a fol 32 (tal-process), jirrizulta ndubjament illi l-kumpanija konvenuta fiz-zmien ta’ l-importazzjoni tal-merkanzija u l-ftehim dwar ir-ripartizzjoni tar-rikavat mill-bejgh, ma setghax kellha ebda interess billi lanqas ma kienet ghada giet ifformata, izda l-Qorti trid tezamina wkoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha sabiex tistabilixxi jekk f’xi stadju ulterjuri l-kumpanija Marks Holdings Limited kienetx indahlet ghal esekuzzjoni ta’ xi obbligu ta’ xi wahda mill-persuni koncernati fin-negozju jew assumietx fuqgha xi parti mill-istess negozju.

F’dan ir-rigward hija rilevanti l-iskrittura li saret fid-19 ta’ Dicembru tal-1996 bejn Mark Calleja u Stephen Axisa. Din infatti telimina kull possibilita’ illi l-kumpanija Marks Holdings Limited setghet kienet b’xi mod involuta fin-negozju bejn il-firmatarji ta’ din l-iskrittura.

Infatti, ghalkemm f’Dicembru tal-1996 il-firmatarji tal-iskrittura privata tad-19 ta’ Dicembru 1996 kienu jafu sew bil-formazzjoni f’April tal-1996 u ghalhekk bl-ezistenza tal-kumpanija Marks Holdings Limited, huma xorta wahda inekwivokament iddikjaraw illi n-negozju li kienu ghamlu bejniethom kien sar esklussivament f’isem ditta Marks

Holdings u ddikjaraw ukoll illi l-persuni nteressati u li kienu shab f’din id-ditta kienu effettivament Mark Calleja, il-kjamat fil-kawza, u Stephen Axisa, direttur tal-kumpanija attrici, u li huma kienu shab f’isimhom proprju u mhux in rapprezentanza ta’ xi kumpanija ohra.

Infatti jirrizulta ukoll illi l-uniku negozju li kien sar bejn dawn iz-zewg persuni a bazi tal-ftehim *sui generis* li kellhom bejniethom, kien effettivament l-importazzjoni tal-partita in kwistjoni. Ghalhekk il-kumpanija Marks Holdings Limited, ifformata wara li sar dan in-negozju, ma setgha qatt kellha interess f’negozju digia’ konkjuz bejn persuni ohra, li, ghalkemm setgha kellhom xi interess fil-kumpanija importatrici u fid-ditta nkarigata mal-bejgh, dejjem kienu qeghdin jagixxu fil-vesti personali taghhom u ghalhekk separatament u distintament mill-kumpaniji li fihom setgha kellhom xi interess.

Ghaldaqstant issib illi l-kumpanija Marks Holdings Limited qatt ma kellha xi relazzjonijet kummercjali mal-kumpanija attrici u ghalhekk ma tistghax tigi tenuta risponsabbli li taghmel tajjeb b’xi mod ghal xi debiti li setgha assuma xi wiehed mid-diretturi jew membri taghha f’isemhom propriju u ghaldaqstant tirrespingi t-talbiet attrici fil-konfront tal-kumpanija konvenuta.

Izda permezz ta’ digriet tal-25 ta’ Marzu tal-1999 gie kjamat fil-kawza Mark Calleja, wiehed mill-firmatarji tal-iskrittura tad-19 ta’ Dicembru 1996, li kien effettivament il-persuna li kien f’ismhu proprju ghamel in-negozju mall-kumpanija attrici flimkien ma’ Stephen Axisa fil-vesti tieghu wkoll personali bhala siehbu.

Bl-ewwel eccezzjoni tieghu, il-kjamat fil-kawza eccepixxa l-preskrizzjoni ta’ sentejn kontemplata mill-Artikolu 2149 subinciz (d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, li jirreferi ghall-azzjonijiet ta’ mandatarji ghall-ispejjez li jghamlu ghall-indennizz li jkollhom jiehdu ghat-telf li jbatu u ghar-radd tal-flus li johorgu minn taghhom.

Effettivament l-azzjoni ezercitata mill-kumpanija attrici taqa’ fit-termini ta’ dan is-subinciz tal-Artikolu 2149 peress

illi l-kumpanija attrici issostni illi kienet mandatarja tad-ditta Marks Holdings u bhala tali kienet sborsat flus konsistenti f'pagamenti ta' VAT fl-interess tad-ditta Marks Holdings u bl-azzjoni odjerna qedgha titlob rifuzzjoni ta' tali flus li harget minn taghha.

Evidentement dan l-ammont, kif mitlub fil-proceduri odjerni, kien digia' dovut lill-kumpanija attrici almenu b'effett mit-30 ta' Jannar tal-1996. Din hi d-data tal-invoice mahrug minnha (esibit dokument SA1 a fol 32 tal-process) u spedit lill-konvenuti, fejn kienet talbet appuntu r-rifuzjoni ta somma ta Lm919.73 (disa' mija u dsatax il-lira Maltin u tlieta u sebghin centezmi) digia stabbilita u indikata bhala *VAT at 15%*.

Ghaldaqstant biex wiehed jista' jiddetermina jekk skadewx is-sentejn kontemplati mill-imsemmi Artikolu 2149 tal-Kap 16 irid jigi determinat jekk Mark Calleja kienx gie b'xi mod interpellat bejn it-30 ta' Jannar 1996 u l-25 ta' Marzu 1999 meta effettivament kien gie citat u notifikat bl-avviz tal-kumpanija attrici.

L-unika interpellazzjoni ufficjali b'att gudizzjarju li kienet saret f'dan it-terminu kienet l-ittra ufficjali tal-14 ta' Novembru tal-1997 li pero'giet indirizzata u notifikata lill-kumpanija Marks Holdings Limited u mhux lil Mark Calleja, il-kjamat fil-kawza.

Ghaldaqstant issib illi l-ewwel komunika li setghet saret lil Mark Calleja dwar id-debitu naxxenti sa mit-30 ta' Jannar tal-1996 kienet in-notifika lilu ta' dan l-avviz fil-25 ta' Marzu tal-1999 ghalhekk fi zmien oltre il-perjodu ta' sentejn kontemplat mill-Artikolu 2149 (d) tal-Kap 16 u ghaldaqstant tilqa l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-istess kjamat fil-kawza u tichad it-talba attrici fil-konfront tieghu;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.

---------------------------------TMIEM---------------------------------